**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 5 ta' Settembru 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Hubert Gerada)**

**vs**

**Manna Ahmed**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Manna Ahmed ta' 31 sena, Nazzjonalita Bangladesh, iben Koyes u Laili Begum, imwieled Sylhet il-Bangladesh nhar il-5 ta' Jannar, 1992 residenti gewwa residenza privata l-Gzira u detentur tal-Passaport Bangladesh bin-numru EK0392891 u ta' Numru tal-Pulizija 23E-002

Akkuzat talli f'l-4 ta' Settembru, 2023, u jew fil-jiem, gimghat jew xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-gzejjer;

1. Iffalsifika, biddel jew għamel xi tibdil f'passaporti, jew uża jew kellu fil-pussess tieghu xi passaport, li hu kien jaf li ġew iffalsifikati, imbiddla jew li sar xi tibdil fihom (Kap 61, Sec 5 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. Kif ukoll talli xjentement għamel użu minn xi dokumenti oħra iffalsifikati (Kap 9, Sec 189 tal-Liġijiet ta' Malta);

3. Kif ukoll mingħajr awtorità leġittima uża jew kellu, fil-pussess tieghu xi dokumenti, meħtieġ għall-finijiet ta' dan l-Att li jkun falsifikat skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1)(f) tal-Liġijiet ta' Malta).

4. Talli gewwa Hal-Far u/jew bi bnadi ohra f'dawn Gzejjer, nhar is-7 ta' Mejju, 2023, ghall-habta ta' 11:00hrs ikkometta harba semplici waqt li kien fil-kustodja ta' persuni inkarigati mill-kustodja taghhom (Kap 9, Sec 151 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

3. Rat li fis-seduta tal-lum stess l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu.

4. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu hija ta' sentejn u nofs prigunerija u hdax-il elf sitt mija sitta u erbghin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€11, 646.87) u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jekk iridx jirrevedi l-pozizzjoni tieghu.

5. Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed sabiex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u l-imputat wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi mill-Qorti jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu, l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

6. Semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet dwar il-piena

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

7. Fuq ammissjoni tiegħu stess, il-Qorti issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu.

8. Rigward il-piena, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni illi l-imputat irreġistra ammissjoni fl-iktar stadju bikri ta' dawn il-proċeduri, u għalhekk ma ħeliex il-ħin u r-riżorsi ta' din il-Qorti u tal-forzi tal-ordni.

9. Ikkunsidrat ukoll li għal fini ta' piena, l-ewwel u t-tieni imputazzjoni huma assorbiti fit-tielet imputazzjoni, bl-applikazzjoni tat-teorija tal-konkors formali jew ideali tar-reati.

11. Min-naħa l-oħra, il-Qorti ma tistax ma tosservax is-serjeta tar-reati li tagħhom l-imputat ammetta li huwa ħati. Fis-sentenza **The Police vs David Abekunde et** deċiża fid-9 ta' Ġunju 2009, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[1] irriteniet illi:

*"The Court must make it absolutely clear at the outset that it considers border security to be a very important and a very serious matter, and that any attempt to bypass, breach or otherwise circumvent such security by means which are illegal must consequently be regarded as a very serious offence ... ... This Court is of the view that as a general rule, such cases should be met with a prison sentence with immediate effect and that always as a general rule, anything short of an immediate prison sentence amounts to a very myopic view of the whole issue of border security… …"*

12. Però, tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-piena għandha tkun waħda lejn il-minimu.

[1] *Per* Prim Imħallef Vincent De Gaetano.

**Konkluzjoni**

13. Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli  5 tal-Kapitolu 61, l-Artikoli 189, 151 u 160 tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 32(1)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundannah ghal piena ta' disa (9) xhur prigunerija effettivi.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**